**Laqgha Numru 23/K6/2012 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

It-Tlieta u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-24 ta' Mejju 2012. L-Agenda kienet:

**01. Il-kuntratt taż-Żamma u l-Manutenzjoni tal-Ġonna.**

## 01. Il-kuntratt taż-Żamma u l-Manutenzjoni tal-Ġonna.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Lauro Fava bhala l-persuni li ghamlu t-talba biex issir il-laqgha b'urgenza.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija kienet talbet il-laqgha b'urgenza minhabba l-biza mill-uzu tal-herbicita li ntuzat mill-kuntrattur. Il-kelliema rrimarkat ukoll l'issa rrizulta li l-Contracts Manager kien ta l-awtorizazzjoni tieghu minghajr konsultazzjoni mal-Kunsill. Il-kelliema nsistiet li l-Kunsill kellu jigi nfurmat minn qabel sar ix-xoghol u dan minhabba l-fatt li din il-kimika taf tkun 'safe' u taf ma tkunx minhabba li l-prodott jeqred il-haxix mill-gheruq u ghalhekk ma jergax jitla'. Il-kelliema stqarret li hija ma talbietx din il-laqgha b'urgenza biex tiddefendi lil xi hadd, izda biex tiddefenti l-verita biss fejn ziedet li, li kieku l-Kunsill ma kienx infurmat minn terzi persuni, kieku l-Kunsill ma kienx infurmat b'dak li gara. Il-kelliema stqarret ukoll li l-haxix qed jinqered biex il-kuntrattur ikun jista' jimpjega anqas nies minhabba li ma jkunx hemm volum ta' xoghol. Il-kelliema ddikjarat li hija kontra li dan il-prodott jintuza fil-lokal.

1.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li l-Kunsill messu fit-tender ma tax lok li jintuza dan il-bexx.

1.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li fit-tender hemm indikat li qabel jintuza bexx, pesticida u mhux herbicita kif intuza, il-kuntrattur ghandu jaghmel talba lill-Kunsill.

1.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-unika riferenza li hemm fit-tender fuq bexx hija ghal meta jkun hemm kazijiet ta' mard tal-pjanti, fejn il-

kuntrattur huwa obligat li jinforma lill-Kunsill u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill ikun jista' jaghmel uzu minn pesticida skond kif jitolbu r-regolamenti.

1.06. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li huwa importanti li biex jintuza l-bexx, il-kuntrattur irid l-ewwel ikollu l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill.

1.07. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li qabel il-kuntrattur jaghmel uzu minn xi tip ta' kimika, dan ghandu jaghmel talba bil-miktub lill-Kunsill u jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.08. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

1.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.10. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-6.15pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |